# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dottor Charmaine Galea LL.D.**

**Illum 22 ta' Frar 2018**

**Rikors Numru: 10/18**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2245/17**
**u tac-cedola ta' depozitu bin-numru 107/18**
**Fl-ismijiet:**

**Bernardette Licari (K.I. 62642M)**
**Vs**
**Victor Emmanuel Gusman (K.I. 16746M) u Silvia Gusman (K.I. 19254A)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat minn **Victor Emmanuel Gusman u Silvia Gusman** (ir-rikorrenti) fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Jannar 2018 fejn ippremettew is-segwenti:-

*"L-esponenti jissottomettu illi ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi ma kellux jintlaqa minn dina l-Onmorabbli Qorti u ghalhekk ma kellu jsir ebdfa depositu wara l-istess mandat.*

1. *Fl-ewwel lok is-sentenza citata mi-sekwestranta moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-istess ismijiet premessi (Rik Nru 206/2004 CSH) fit-18 ta' Jannar, 2017 ma llikwidatx l-ammont dovut mill-esponenti liha, kif kien mitlub fir-rikors promutur tal-kawza. Il-Qorti ma llikwdat ebda ammont li hu dovut u pagabbli mill-esponenti lis-sekestranti. Minkejja din l-ommissjoni fid-decizjoni is-sekwestranti ghazlet li ma tipprocedix a tenur tal-artiklu 235 tal-Kap 12, u lanqas ipprocediet b'rikors guramentat.*

2. *Tabilhaqq fis-sentenza citata l-ewwel l-Onorabbli Qorti eskludiet illi l-ammont sekwestrat huwa dovut. Fil-fatt jekk wiehed jiehu konjizzjoni tal-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2245/17 fl-istess ismijiet premessi wiehed jinduna illi r-rikorrent qed titlob il-hlas tas-somma ta' Euro 12,430.49 u l-imghax fuqhom. Din is-somma*

*is-sekwestranti tghid li hija dovuta skont id-dokument li qed jigi anness ma' din ir-risposta bhala Dok RT1 (li jikkonsisti minn dokumenti annessa mis-sekwestrtanti mar-rikos ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru. Kif wiehed jista' jinnota minn dawn id-dokumenti dawn huma spejjez li s-sekwestranti hallset lill-Gino Gusman, persuna li hija kienet qabdet biex jaghmel xogholijiet riparatorji li fil-mori tal-kawza irrizulta li ma kienux saru tajjeb jew skont is-sengha, l-arti u l-materjal uzat ghal dawn ix-xogholijiet.*

3. *Jidher car mill-istess dokumenti illi l-ammont reklamat mhux dovut skont l-istess sentenza citata. Din l-Onorabbli Qorti (pagna 39) fis-sentenza kienet kategorika fejn jidhlu l-ispejjez inkorsi mis-sekwetstranti fuq imsemmija li issa hija qed tipprova tigbor minghand l-esponenti minkejja id-dicitura tas-sentenza. Il-qorti qalet hekk: "Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet orali tal-partijiet li taghhom hadet noti waqt l-udjenza, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddisposta ruhha mil-konkluzjonijiet peritali" [tal-perit Godwin Abela].*

4. *Il-Qorti kompliet "Mhux indiskuss li effettivament il-madum kien inqala' u li kienu saru xi xoghlijiet riparatorji minn Gino Gusman li kien gie nominat mill-attrici liema xoghol pero' ma kienx sar skont is-sengha u l-arti skont ma kienu kkonkludew il-periti teknici u ghalhekk kellu jerga' jinqala' dak li effettivament ghamel dan Gino Gusman. Jinghad li ghal dan ix-xoghol li sar mhux skont is-sengha u l-arti ghandha thallas l-attrici minkejja li tali xoghol sar taht is-supervizjoni tal-perit nominat mill-Qorti. Dan ix-xoghol sar minn persuna suggerita mill-attrici u ghalhekk ghandha tkun hi li tbati l-ispejjez tieghu."*

**5.** *Ghalhekk fid-decisjoni, il-Qorti filwaqt li sabet illi esponenti responsabbli ghad-danni kagunati lis-sekwestranti (danni li thallsu mill-assikuraturi taghhom) dwar l-ispejjez fuq imsemmija il-Qorti eskludiet li dawn ikunu ghal-karigu tal-esponenti u qalet hekk: "Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda filwaqt li tiddikjara li verament l-konvenuti kkagunaw hsarat lill-attrici liema hsara ammontat ghad-danni li gew reparati fil-mori tal-kawza, tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli sabiex jaghmlu tajjeb ghal din il-hsara u jirrifondu l-flejjes li gew imhallsa mill-attrici biex saru t-tiswijiet necessarji, **b'dan pero' li m'ghandux ikun hemm inkluz l-ispiza li saret inkonnessjoni max-xoghol ta' Gino Gusman."** Fl-istess sens hija parti ohra mid-decisjoni tghid: "Tordna li l-konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza **salv dawk konnessi max-xoghol li saru mill-haddiem Gino Gusman kemm fir-rigward il-hlasijiet li saru lilu, kemm dwar il-materjal mixtri minnu ukoll dwar il-hlasijiet li naghtaw il-perit tekniku nominat mill-Qorti sabiex isegwi dan ix-xoghol**."*

6. *Mill-permess jirrizulta car illi kuntrarjament ghal dak li qed issostnu is-sekwetranti l-ammont sekwestrat u d-depositu mhux dovut skont is-sentenza minnha citata.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi mandat ta' sekwestru huwa null u bla effett u/jew tirrevoka lill-istess mandat ta' sekwestru u tawtorizza lill-esponenti jizbankaw l-ammont depositat."*

Rat ir-risposta ta' **Bernardette Licari** (l-intimata) ipprezentata fid-9 ta' Frar 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi permezz ta' rikors ippreżentat mill-konjuġi Gusman fit-22 ta'Jannar 2018, l-istess Gusman talbu illi dina l-Onorabbli Qorti "tiddikjara illi mandat ta' sekwestru huwa null u bla effett u/jew tirrevoka l-istess mandat ta'sekwestru u tawtorizza lill-esponenti jiżbankaw l-ammont depożitat."*

2. *Illi fl-ewwel lok b'referenza għar-rikors surreferit, b'mod partikolari: "Il-Qorti ma llikwidat ebda ammont li hu dovut u pagabbli mill-esponenti lis-sekwestranti.", l-esponenti għal darb' oħra jirreferu għas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Jannar 2017 fl-istess ismijiet premessi (Rik Nru: 206/2004 CSH) fejn il-Qorti ordnat u ddikjarat lill-konvenuti bħala "responsabbli sabiex jagħmlu tajjeb għal din il-ħsara u* ***jirrifondu l-flejjes li ġew imħallsa mill-attriċi biex saru t-tiswijiet neċessarji****."*

3. *Illi l-ammont li fil-konfront tiegħu ġie mitlub il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru odjern jirrappreżenta spejjeż inkorsi mill-attriċi waqt il-mori tal-kawża, u mhux xi ammont illi kellu jiġi likwidat.*

4. *Illi l-konvenuti qegħdin jagħtu interpretazzjoni wiesgħa ħafna ta' dawk l-ispejjeż illi, skont l-istess konvenuti, għandhom jiġu esklużi mill-ispejjeż li l-attriċi hija ntitolata għalihom skont is-senteza relattiva.*

5. *F'dan ir-rigward, tajjeb illi jiġi osservat illi kif jirriżulta mill-paġna numru 40 tas-sentenza in kwistjoni, din il-Qorti kif diversament presjeduta osservat illi "għal dan ix-xogħol* ***li sar mhux skont is-sengħa u l-arti****, għandha tħallas l-attriċi...". Il-Qorti tkompli, f'paġna 41 tal-istess sentenza, tgħid illi "Dwar il-kumpament pero' jingħad li* ***l-ispejjeż kollha*** *u ċioé dawk tal-kawża u tar-rapport tekniċi kemm dawk tal-Perit AIC Godwin Abela u dawk tal-periti addizzjonali għandhom jiġu sopportati mill-istess konvenuti."*

6. *Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta kjarament liem huma dawk ix-xogħolijiet magħmula mill-imsemmi Gino Gusman illi ma sarux skont is-sena u l-arti u li għaldaqstant kellhom jerġgħu isiru mill-ġdid. Il-konvenuti qegħdin jipprovaw, permezz tar-rikors odjern, jattribwixxu interpretazzjoni wiesgħa ħafna ta' dik il-parti tas-sentenza fejn dina l-Onorabbli Qorti eskludiet parti mill-ispejjeż billi qegħdin jinkludu ukoll dawk l-ispejjeż u dak il-materjal illi saru u/jew inxtraw minn Gino Gusman u li saru skont is-sengħa u l-arti u li ma ġew bl-ebda mod disturbati bix-xogħolijiet rimedjali illi saru fil-mori tal-kawża u li għadhom, sal-ġurnata tal-lum installati fil-proprjetà tal-konvenuti a benefiċju tal-istess konvenuti.*

7. *Huwa argument illoġiku għall-aħħar u inkoerenti mad-deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti illi l-attriċi għandha tbati għal spejjeż u xogħolijiet magħmula skont is-sengħa u l-arti u li huma ta' siwi u utilità għall-konvenuti. F'dan ir-rigward, jiġi rilevat illi kif jirriżulta kjarament mill-atti tal-kawża, kien ix-xogħol relatat mat-tqegħid tal-madum li ġie determinat li mhuwiex skont is-sengħa u l-arti, u kien għaldaqstant dan ix-xogħol li kellu jerġa jsir mill-ġdid. Il-kumplament tax-xogħol u materjal, inkluż xogħol u materjal relatat ma' tqegħid ta' membrane,*

*riparazzjoni tal-konkrit, tqegħid ta' skrit etc, huwa kollu xogħol neċessarju li sar skont is-sengħa u l-arti u għaldaqstant m'għandux jiġi eskluż mill-ispejjeż li l-attriċi hija ntitolata li tirkupra mill-konvenuti.*

8. *Illi inoltre, stante illi dan l-ammont huwa ammont relatat unikament ma' xogħolijiet ta' tiswija tal-fond tal-konvenuti, l-istess ammont ma kienx kopert bil-polza assiguratriċi tal-konvenuti u għaldaqstant il-kumpannija assiguratriċi tal-konvenuti ma setgħetx tonora l-pagament tal-istess. Konsegwentement, l-attriċi kellha titlob il-ħlas ta' dawn l-ispejjeż direttament mingħand il-konvenuti.*

9. *Illi għal kull buon fini u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi umilment rilevat illi mis-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċentezmu pretiża mill-attriċi, is-somma ta' tlett elef u disgħa u ħamsin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu huma spejjeż għal materjal u xogħolijiet magħmula mill-ħaddiem imqabbad mill-konvenuti u li tagħhom ħallset l-attriċi, b'dan illi fuq dan l-ammont, ċertament illi ma jreġi bl-ebda mod l-argument imressaq mill-konvenuti.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, u dan taħt dawk il-provvediimenti u dikjarazzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li r-rikors thalla ghal-lum ghal digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-intimata kienet ipprocediet b'kawza kontra r-rikorrenti stante li kien hemm perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tar-rikorrenti ghal gol-fond taghha. Din il-vertenza giet konkluza b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati deciza fit-18 ta' Jannar 2017. L-istess sentenza iddikjarat lir-rikorrenti responsabbli ghall-hsarat ikkagunati fil-fond tal-intimata u ordnat lill-konvenuti jirrifondu l-flejjes li gew imhallsa mill-intimata biex saru t-tiswijiet necessarji, liema tiswijiet saru fil-mori tal-kawza. Illi mill-istess sentenza jirrizulta wkoll illi xi xogholijiet riparatorji li kienu saru fil-mori tal-kawza minn certu Gino Gusman ma kinux saru skond l-arti u s-sengha u ghalhekk kellhom jergghu isiru. Originarjament il-hlas tax-xogholijiet riparatorji lil Gino Gusman kien sar mill-intimata filwaqt li x-xogholijiet biex jigi rrangat ix-xoghol hazin ta' Gino Gusman thallsu mir-rikorrenti u gew sussegwentement rifuzi mill-intimata.

Illi wara li ghaddiet in gudikat l-istess sentenza, l-intimata giet imhallsa s-somma ta' tnax-il elf tliet mija tnejn u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€12,362.89) minghand il-Kumpanija assiguratrici Bonnici Insurance Agency Limited. Illi, pero`, l-intimata ma gietx imhallsa ghax-xogholijiet li kien ghamel Gino Gusman fil-fond tar-rikorrenti stante li dawn ma kinux koperti bil-polza tal-istess assigurazzjoni. Ghalhekk hija harget il-Mandat odjern sabiex tigi rifuza l-ispejjez li hija hallset lil Gino Gusman. L-intimata ssostni li f'dawn l-ispejjez hemm **eskluzi** l-ispejjez tax-xoghol li Gino

Gusman ghamel hazin, u wkoll **<u>eskluza</u>** l-ispiza tal-madum li kellu jerga' jinqala' minhabba l-istess xoghol hazin.

Min-naha l-ohra, ir-rikorrenti qeghdin isostnu li l-ebda ammont m'hu dovut lill-intimata ghaliex dak li qieghda titlob jirrifletti x-xoghol ta' Gino Gusman u li l-Qorti fis-sentenza taghha eskludiet espressament li ghandu jithallas minnhom.

Di piu` jikkontendu li l-Qorti ma llikwidat l-ebda ammont favur l-intimata u kwindi qatt ma seta' jigi mahrug l-Mandat odjern fil-konfront taghhom. Jishqu li l-intimata kellha kull opportunita` biex wara s-sentenza tressaq talba sabiex jigu likwidati d-danni, pero` dan m'ghamlitux u ghazlet li tipprocedi bil-Mandat odjern.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-korp tal-Mandat in kwistjoni jirrizulta illi l-intimata qieghda titlob is-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u tletin ewro u disa' u erbghin centezmu (€12,430.49) relatati ma' xoghol maghmul u materjal uzat sabiex tigi msewwija l-art tat-terrazzin tar-rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-prospett anness mal-Mandat *de quo* u li jinsab a fol. 76 tal-process. Illi mill-istess prospett jirrizulta li l-intimata qieghda titlob is-segwenti, u cioe`:-

1. **€5041.32** rapprezentanti ammonti mhallsa lil Eugenio Gusman ghal xogholijiet esegwiti taht is-supervizjoni tal-eseperti mahtura mill-Qorti **eskluz**:

   i. Qlugh tal-irham
   ii. Qlugh tal-madum
   *iii.* Grouting bil-*lamoxene*
   iv. Tqeghdin ta' madum gdid
   *v.* *Expanding of joints*
   vi. Spejjez ta' tindif

2. **€907.43** rapprezentati VAT fuq l-ispejjez imsemmija fil-punt precedenti

3. **€3411.39** rapprezentanti spejjez inkorsi mill-intimata ghax-xiri ta' madum uzat minn Eugenio Gusman eskluz il-grouting u madum

4. **€3059.35** rapprezentanti tkissir u tqeghid tal-madum, liema spejjez kienu originarjament gew imhallsa mir-rikorrenti u sussegwentement rifuzi mill-intimata.

Illi ghalhekk, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, l-intimata mhux qieghda titlob ghax-xoghol hazin li ghamel Eugenio Gusman, inkluz il-madum imwahhal minnu u sussegwentement maqlugh. Hija qieghda titlob hlasijiet li jikkoncernaw spejjez li saru biex saret ir-riparazzjoni tal-art tat-terrazzin tar-rikorrenti eskluz pero` l-ispejjez relatati max-xoghol hazin ta' Eugenio Gusman u materjal li ma serva ghal ebda uzu biex tissolva l-problema tal-perkolazzjoni.

Illi jirrizulta illi dawn ix-xogholijiet kollha saru fil-mori tal-proceduri u kwindi r-rikorrenti kellhom kontroll assolut fuq dak li kien qieghed isir fit-terrazzin taghhom, tant li parti minn dawn l-ispejjez thallsu minnhom u gew sussegwentement rifuzi. Huwa veru li l-Qorti li ppronunzjat is-sentenza ma llikwidatx f'termini monetarji d-

danni li r-rikorrenti kellhom ihallsu lill-intimata. Pero` ma hemm l-ebda kontestazzjoni li effettivament l-istess danni gew subiti u li huma kellhom ihallsu ghalihom, salv ghax-xoghol hazin ta' Gino Gusman. Illi mill-atti jirrizulta illi l-Kumpanija assikuratrici tal-konjugi Gusman, u cioe` Bonnici Insurance Agency Limited, affettwat pagament fl-ammont ta' tnax-il elf tliet mija tnejn u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€12,362.89) lill-intimata. Dan ifisser illi ghalkemm il-Qorti ma llikwidatx l-ammont dovut mir-rikorrenti lill-intimata stante li jirrizulta li x-xogholijiet rimedjali saru qabel ma nghatat is-sentenza, l-istess rikorrenti awtorizzaw lill-Kumpanija assikuratrici li maghha kienu assigurati biex taffettwa tali pagament. Ghalhekk issa l-istess rikorrenti ma jistghux isostnu li l-ammont rekalamat fis-sekwestru mhux dovut ghaliex ma gie likwidat l-ebda ammont. Illi kif inghad iktar 'il fuq, jirrizulta illi l-intimata eskludiet mit-talba taghha xoghol u xi materjal li kellu jitnehha tort tax-xoghol hazin ta' Gino Gusman. Dak li l-intimata qieghda titlob fil-Mandat odjern huwa relatat ma' xoghol li serva biex il-problema tal-perkolazzjoni giet eleminata. Dak li l-Qorti ezentat lir-rikorrenti milli jhallsu huwa xoghol hazin u mhux xoghol li ghalkemm sar minn Gino Gusman xorta serva biex finalment tigi rizolta l-problema tal-perkolazzjoni. B'hekk l-intimata waslet ghas-somma indikata fil-Mandat, liema somma hija ghandha dritt tigi rifuza taghha mignhand ir-rikorrenti stante li l-Kumpanija tal-assikurazzjoni taghhom m'ghamlitx tajjeb ghal tali danni.

Illi finalment il-Qorti tinnota illi r-rikorrenti fl-okkju tar-rikors taghhom indikaw ukoll Cedola Numru 107/18. Illi ghalkemm din hi cedola li giet ipprezentata wara li gie pprezentat il-Mandat odjern, ma sar l-ebda rikors ta' zbank fiha. Invece sar rikors ta' zbank mill-intimata Licari fic-Cedola Numru 2557/17, liema rikors qieghed jigi degretat kontestwalment.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghdha tichad it-talbiet tar-rikorrenti Gusman kif dedotti fir-rikors taghhom tat-22 ta' Jannar 2018 ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 2245/17 filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-izbank tal-ammont depozitat fic-Cedola Numru 107/18 stante li ma jirrizultax illi sar xi rikors da parti tar-rikorrenti ghal zbank.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**